



Brussell, 20 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

10896/24
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0410(COD)**

**AGRI 476
FORETS 167
ENV 608
CODEC 1470
AGRILEG 287**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 10714/1/24 REV1	
Nru dok. Cion: 16064/23	
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/367/KEE li tistabbilixxi Kumitat Forestrarju Permanenti - Approċċ ġenerali = Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tesprimi tħassib serju dwar l-Approċċ Ġenerali fir-rigward tal-bidliet li jitfgħu dubju fuq l-għan u l-iskop tal-proposta. B'mod partikolari, tliet bidliet jibdlu l-proposta tal-Kummissjoni u għalhekk huma linji ħomor għalina. Il-Kummissjoni tittama li t-tħassib ewlieni tagħha jista' jiġi rettifikat matul il-proċedura leġislattiva, inkella l-Kummissjoni jkollha tikkunsidra jekk tirtirax il-proposta tagħha jew le.

L-ewwel nett, Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni għandu skop konsultattiv. F'konformità mal-prinċipju tal-awtonomija istituzzjonali u amministrattiva u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet tal-2016, il-Kummissjoni hija intitolata tiddeċiedi jekk u meta tikkonsulta l-esperti skont is-suġġetti li teħtieġ il-pariri dwarhom, ħlief għat-tnejn ta' abbozzi ta' atti delegati.

It-tieni, il-Kummissjoni tiddeċiedi internament dwar liema servizzi se jirrappreżentawha, u tali deċiżjoni toħroġ mill-awtonomija istituzzjonali u amministrattiva tagħha.

It-tielet, il-Kummissjoni tenfasizza li ma tistax u ma għandhiex l-intenzjoni li timponi fuq l-Istati Membri liema rappreżentanti għandhom jattendu. Madankollu, il-kompożizzjoni tal-grupp għandha tiżgura li jkun jista' jaqdi r-rwol u l-mandat maħsub tiegħu sabiex ikun jista' jipprovdi l-għarfien espert meħtieġ lill-Kummissjoni direttament fil-laqgħat tal-esperti. Dan għandu jkopri l-kwistjonijiet ta' politika rilevanti kollha tal-UE li għandhom x'jaqsmu mal-foresti u l-forestrija inkluż l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għall-2030. Dan mhux biss jappoġġa lill-Kummissjoni biex tiżgura l-koerenza u l-konsistenza fit-tfassil tal-politika relatata iżda jsaħħaħ ukoll il-Kumitat Forestrarju Permanenti (SFC) bħala korp konsultattiv ċentrali dwar kwistjonijiet relatati mal-foresti u l-forestrija, li jippermetti lill-Istati Membri jesprimu l-fehmiet tagħhom bis-sħiħ.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-isem ta' "kumitat" għandu jiġi evitat u sostitwit bi "grupp ta' esperti", għal raġunijiet ta' regolamentazzjoni aħjar, ċarezza u konsistenza. Jekk id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-1989 titħassar, il-grupp stabbilit b'din id-Deċiżjoni huwa Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni li għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni.